### Domanda preliminari

L-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]), anki meqjusa separatament, għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali, iġġustifikati mill-osservanza mar-restrizzjonijiet fil-qasam tal-finanzi pubbliċi, li bis-saħħa tagħhom persunal, inkluż persunal maniġerjali, tal-amministrazzjoni pubblika fl-ebda każ ma jista' jingħata, fiż-żmien tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, benefiċċji finanzjarji intiżi sabiex jikkumpensaw għal leave akkumulat u mhux meħud?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla m.st. Warszawy w Warszawie (il-Polonja) fl-10 ta' Novembru 2022 – I. sp. z o.o. vs M. W.

**(Kawża C-693/22)**

(2023/C 35/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla m.st. Warszawy w Warszawie

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* I. sp. z o.o.

*Konvenut:* M. W.

### Domanda preliminari

L-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ([1]) moqri flimkien mal-Artikolu 6(1)(a), (c) u (e) ta' dan ir-regolament, u kif ukoll mal-Artikolu 6(3) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali li tippermetti l-bejgħ, fi proċedura ta' eżekuzzjoni, ta' database, fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases ([2]), li tinkludi fiha data personali, jekk is-suġġetti ta' din id-data ma jkunux taw il-kunsens tagħhom għal dan il-bejgħ?

([1]) ĠU 2016 L 119, p. 1.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 459.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Městský soud v Praze (Ir-Repubblika Ċeka) fl-10 ta' Novembru 2022 – Fondee a.s. vs Česká národní banka

**(Kawża C-695/22)**

(2023/C 35/44)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

### Qorti tar-rinviju

Městský soud v Praze

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Fondee a.s

*Konvenut:* Česká národní banka